MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 339/2002/1

**A B C**
**vs**
**D E C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fil-15 ta' Awwissu 1991; li minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, F u G, li ghadhom minorenni; li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u ngurji gravi da parti tal-konvenut; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprezenta l-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti: [1][2] tiddikjara s-separazzjoni personali htija tal-konvenut, u tistabbilixxi data tal-firda ghall-finijiet ta' l-artikolu 48[c] tal-Kap.16; [3] tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri f' idejn l-attrici, b' access favur il-konvenut; [4] tordna li l-konvenut

ihallas lill-attrici, ghaliha u ghat-tfal minuri, manteniment; [5] tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet in toto jew in parte ta' l-artikolu 48 tal-Kap. precitat; [6] ixxolji, tillikwida u tassenja bejn il-partijiet il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom; [7] tordna li l-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali li jinsabu fil-pussess tieghu; [8] tordna li d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici; [9] tawtorizza r-registrazzjoni tas-sentenza eventwalment moghtija; bl-ispejjez;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi, id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attrici, l-affidavits prezentati, kif ukoll id-diversi rapport prezentati mill-esperti ndikati fis-sentenza moghtija llum fil-kawza 1561/01NC fl-ismijiet inversi li nstemghet kontestwalment ma' din il-kawza;

Rat li l-partijiet qabblu li l-provi migbura fil-kawza numru 1561/01 jkunu jghoddu ghal kawza odjerna;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet lit-tfal minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress li l-hajja konjugali bejniethom m' ghadhiex aktar possibbli, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 imputabbli lill-konvenut.

Illi f' dan il-kaz il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula u l-konkluzzjonijiet raggjunti minn din il-Qorti fil-kawza fuq indikata u li giet deciza llum, u taddottahom fl-intier taghhom.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn iz-zewg partijiet bi htija tat-tnejn, u tistabilixxi d-data tas-sentenza bhala d-data tal-firda;
[2] tilqa' t-tieni talba;
[3] tilqa' it-tielet talba, fit-termini gja deciz fil-kawza precitata;
[4] tilqa' ir-raba' talba limitatament ghall-manteniment tat-tfal, u fit-termini u kif gja stabbit u ordnat fis-sentenza numru 1561/01 fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[5] tilqa' il-hames talba;
[6] tilqa' is-sitt talba fis-sens gja deciz fis-sentenza precitata;
[7] tilqa' seba' talba;
[8] tilqa' t-tmien talba, limitatament ghall-perijodu ta' erba' [4] snin kif diga' deciz fil-kawza precitata, u precizament fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-Akkwisti.";
[9] tilqa' id-disa' talba;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn iz-zewg partijiet, b' mod ugwali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------